Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Ir-Repubbblika ta' Malta
[Avv. Sean Gabriel Azzopardi]
[Spettur Kylie Borg]

vs

-Omissis-

Kumpilazzjoni Numru: 779/2021

Illum, 2 ta' Dicembru, 2024

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis-** detentur tal-karta tal-identità bin-numru -Omissis- akkuzat talli bejn is-snin elfejn u sbatax (2017) u elfejn u ghoxrin (2020), gewwa r--Omissis-, Malta

u/jew f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi:

1. **Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-età u taht is-sittax-il sena *ossia* ma' -Omissis- li dak iz-zmien kellha bejn tnax u hmistax-il sena, meta huwa kien jghix maghha jew huwa membru tal-familja taghha, u liema persuna f'dak iz-zmien kienet persuna vulnerabbli stante li kienet persuna ta' taht il-hmistax-il sena;**
   ***Artikolu 18, Artikolu 204C(1), Artikolu 208AC(1)(b)(e) u Artikolu 208AC(2)(a) tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta***

2. **B'ghemil zieni, ikkorrompa persuna ta' taht l-età tas-sess il-wiehed jew l-iehor, u taht is-sittax-il sena *ossia* -Omissis-, meta huwa axxendent mid-demm jew bi zwieg, jew tutur, jew li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, tkun giet fdata l-minuri, ta' taht is-sittax-il sena sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jghallimha, jindukraha jew izommha;**
   ***Artikolu 18, Artikolu 203(1)(c) tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta***

3. **Bl-imgiba tieghu ikkaguna lil -Omissis- bizgha li se tintuza vjolenza kontriha, jew kontra l-proprjetà taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) meta huwa kien jaf jew imissu kien jaf li l-imgieba tieghu kienet se tikkaguna lil -Omissis- hekk tibza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet;**

   ***Artikolu 18, Artikolu 251B tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta***

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta waqt il-mori tal-kawza u f'kaz ta' htija *ai termini* tal-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta favur -Omissis-;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tordna li s-sentenza tigi registrata ai termini tal-Artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-Fedina Penali tal-imputat;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata l-ewwel (1) ta' Marzu, 2022 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 18, 204C(1), 208AC(1)(b)(e) u 208AC(2)(a) tal-Kodici Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 18 u 203(1)(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 18 u 251B tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikolu 6(2) tal-Att dwar Registrazzjoni ghall-Protezzjoni tal-Minuri, Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

Rat li minkejja li d-difiza nghatat iz-zmien sabiex tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha dan ma sehhx;

## IKKUNSIDRAT

Illi xehdet l-Ispettur Kylie Borg li pprezentat dettalji personali tal-akkuzat, vera kopja tal-mandat t'arrest fil-konfront tal-akkuzat, CD bl-istqarrija tal-akkuzat, fedina penali tal-akkuzat, kopja ta' email mic-Child Protection Services datata 23 ta' Novembru 2021, sketch kif ukoll certifikat tat-twelid tal-parte civile. Tghid li fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru ta' 2021 kienet l-Ispettur tal-Ghassa gewwa l-Vice Squad meta giet mghoddija referral mill-Fondazzjoni tas-Servizzi Socjali rigward il-minuri -Omissis- bin-numru tal-identità -Omissis-. Tghid li hi tkellmet mal-haddiema socjali Lara Calleja. Ikkonfermat mal-istess haddiema socjali li l-vittma minuri allegatament sfat vittma ta' abbuz fiziku u sesswali minn missierha kif ukoll abbuz fiziku minn ommha. Tghid li kkonfermat li l-akkuzat kien jinsab gewwa l-Agenzija ghas-

Servizzi Korrezzjonali gewwa Kordin. Tixhed li fit-tnax (12) ta' Dicembru hi kienet kellmet lil -Omissis- fil-prezenza ta' Lara Calleja u dan sabiex tittiehed id-dikjarazzjoni taghha. Tghid li dan sehh minghajr il-prezenza tal-omm stante li ma kinitx taf bl-allegat abbuz sesswali kif ukoll ghaliex it-tifla kienet iktar komda.

Tkompli tixhed li t-tifla spjegatilha kif hi kienet tghix primarjament man-nanna materna taghha -Omissis-, maz-ziju -Omissis- u s-siehba tieghu -Omissis- gewwa l--Omissis-. Din kienet is-sitwazzjoni sas-sena 2011. Tixhed li bejn is-sena 2011 sas-sena 2017 hi marret tghix man-nanniet paterni -Omissis- u -Omissis- gewwa l--Omissis-. Tghid li hi kienet tghix ma' missierha hemmhekk ukoll. Tispjega li wara li l-gwerra ntemmet u b'hekk irritornaw lura lejn Malta fejn mis-sena 2017 sas-sena 2020 hi kienet qieghda tghix flimkien mal-genituri taghha gewwa r--Omissis-. Tghid li t-tifla kkonfermat li fis-sena 2020 missierha kien dahal il-habs u f'dak iz-zmien hi u ommha marru jghixu ma' certu ziju -Omissis- gewwa -Omissis-. Izzid tghid li t-tifla stqarret li l-allegat abbuz sesswali kien sehh meta kienet tghix ir--Omissis- bejn is-sena 2017 u s-sena 2020.

Tixhed li t-tifla stqarret maghha li missierha kien jahdem fil-gebel bejn l-erbgha ta’ filghodu u s-siegha ta’ wara nofsinhar filwaqt li ommha ma kinitx tahdem. Izzid tghid li l-vittma minuri kienet tattendi l-iskola -Omissis- gewwa ta’ -Omissis- bejn is-sebgha ta’ filghodu u s-siegha ta’ wara nofsinhar. Stqarret maghha li missierha kemm-il darba kien jitkecca minhabba l-vizzju tad-drogi. Tkompli tghid li missier il-vittma kien jitlaq ma’ shabu bil-lejl u jerga’ jigi lura madwar is-sebgha ta’ filghaxija hafna mid-drabi b’burdata hazina. Tixhed li t-tifla stqarret li l-missier kien jitlob il-flus minghand ommha u jekk din ma kinitx ittih il-flus hu kien jispicca jsawwathom b’idejh kif ukoll bit-tazzi. Tixhed li l-vittma minuri kienet thossha mbezzgha hafna bl-agir ta’ missierha. Il-vittma kompliet tghidilha li ta’ tnax (12)-il sena missierha kien jabbuzaha sesswalment u dan sa meta ghalqet hmistax (15)-il sena. Tali abbuz waqaf meta l-missier dahal gol-habs.

Tkompli tghid li l-vittma minuri stqarret li l-missier kien jabbuzaha sesswalment billi jbusha fuq xufftejha u anke billi juza lsienu. Tghid li apparti minn hekk missierha kien ibusha fuq ghonqha u b’idejh kien jipprova jmiss sidirha, il-warrani taghha kif ukoll il-parti privata taghha. Tixhed li dan kollu kien isehh fil-kamra tas-

sodda waqt li kienu jkunu qeghdin wahedhom id-dar. Tghid li l-vittma minuri spjegatilha li dan kollu kien isehh fuq il-hwejjeg u kienet darba wahda biss li l-akkuzat ipprova jdahhal idejh taht il-hwejjeg taghha izda kien irnexxielha tahrab sal-bejt. Tghid li dan l-abbuz kien isehh gol-kamra tas-sodda bil-bieb tal-istess kamra maghluq. Tghid li skont pjanta mpingija minnha stess u ffirmata mill-vittma d-dar kien fiha kamra tas-sodda wahda u ghalhekk il-vittma minuri kienet torqod mal-genituri taghha. Izzid tghid li l-vittma minuri kienet qalet b'dan kollu liz-zija tar-rispett u cioè certu -Omissis-. Tghid li darba kien hemm episodju fejn l-akkuzat talab lill-vittma minuri ghal xugaman stante li kien qieghed jinhasel. Meta l-vittma newlitlu tali xugaman l-akkuzat hareg gharwien u mess il-parti privata tieghu quddiemha.

Tixhed li b'din l-informazzjoni talbet mandat t'arrest u tfittxija fil-konfront tal-akkuzat minghand il-Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras u li tali mandat gie esegwit mill-ufficjali taghha fit-tlettax (13) ta' Dicembru 2021. Tghid li l-akkuzat inghata l-mandat, gie mgharraf biex kien qieghed jigi arrestat u nghata ittra bid-drittijiet tieghu. Tixhed li l-akkuzat ghazel li jkellem lill-avukat tal-fiducja tieghu u cioè Dr Jason Grima. Tkompli tghid li l-akkuzat irrilaxxa stqarrija tramite interpretu. Tghid li l-akkuzat ikkonferma z-

zminijiet li kienu jghixu l--Omissis- u li bhala familja kienu regghu gew jghixu Malta fis-sena 2017. Tghid li l-akkuzat innega dak kollu li allegat il-vittma minuri. Tghid li l-akkuzat stqarr li jista' jkun li bintu vvintat dan kollu minhabba l-fatt li hu kien jiehu l-mobile taghha.

Inkontroezami tghid li hi qatt ma marret god-dar fejn kienet tghix il-vittma minuri. Tghid li l-kamra tas-sodda fiha bieb. Tixhed li ma kinitx investigat lill-omm fuq abbuz fiziku stante problema ta' preskrizzjoni. Tghid li l-omm ma kinitx taf bl-allegat abbuz sesswali. Tghid li l-omm ma kinitx tkun id-dar meta sehh l-allegat abbuz u li l-istess omm ma kkoperatx mal-pulizija tant li kienet tishaq li dak li qieghda tallega t-tifla kien impossibbli. Tikkonferma li ezami forensiku fuq it-tifla ma saritx.

Illi xehdet il-vittma minuri **-Omissis-** b'mod awdjoviziv. Tghid li meta twieldet kienet tghix ma' nannitha, zijuha kif ukoll iz-zija taghha. Tixhed li missierha jismu -Omissis-. Tikkonferma li ta' sena missierha kien mar il--Omissis- u li kienet tghix gewwa l-Mosta sa ma kellha sitt (6) snin. Izzid tghid li eventwalment kienet giet ommha sabiex tehodha l--Omissis- fejn ghexet ghal madwar hames (5) snin. Tikkonferma li giet lura -Omissis- fis-sena 2017

flimkien mal-genituri taghha fejn marru jghixu gewwa r--Omissis-maz-ziju taghha. Tghid li wara marru jghixu ghand iz-ziju l-iehor u cioè certu -Omissis-. Tkompli tghid li huma t-tlieta (3) bdew jghixu flimkien wahedhom mis-sena 2018 sas-sena 2020. Tixhed li eventwalment sid il-kera kecciethom mill-fond stante xi problemi abbinati mal-kirja. Izzid tghid li l-fond tar--Omissis-kien zghir tant li l-kamra tas-sodda kienet tikkonsisti f'sodda ghall-genituri taghha u wahda ghaliha. Tispjega li l-post kien qisu kamra maqsuma fi tnejn. Parti ghall-kamra tas-sodda u l-parti l-ohra ghall-kcina, il-bitha u l-kamra tal-banju.

Tkompli tixhed li missierha kien bennej u hi kienet tmur skola gewwa -Omissis- u cioè -Omissis-. Tixhed li ommha kienet tahdem gol--Omissis-. Tghid li missierha kien jibda jahdem mill-erbgha ta' filghodu sas-siegha ta' wara nofsinhar. Tghid li missierha kien jitkecca ta' spiss minhabba l-vizzju tieghu tad-droga. Tixhed li meta kienet tasal lura d-dar mill-iskola hi kienet issib lil ommha filwaqt li missierha kien johrog u jirritorna ghal madwar is-sitta ta' filghaxija. Tghid li meta kien jigi lura d-dar missierha kien jirrabja sabiex jinghata l-flus stante li kien ikun nefaqhom fuq id-drogi. Izzid tghid li gieli kien isawwat kemm lilha kif ukoll lil ommha. Tippreciza li gieli kien jaghti gor-ras, iwaddab

l-affarijiet, ikisser l-affarijiet u jkisser lasti tal-ixkupa fuqhom. Tixhed li hi kienet thossha bezghana minnu. Tghid li taf li l-akkuzat kien jabbuza bid-drogi stante li kienet tara s-siringi god-dar.

Tkompli tixhed li hi ma kinitx titkellem m'ommha dwar dan l-abbuz stante li ma tifhimhiex. Tghid li ommha kienet tghidilha li l-abbuz fiziku ma kienx ta' nkwiet. Tghid li hi kienet kellmet lil certu Lara li tahdem bhala haddiema socjali rigward allegat abbuz sesswali. Tixhed li missierha kien ibusha fuq xufftejh bi lsienu kif ukoll fuq ghonqa. Tghid ukoll li kien imissha fuq sidirha u jmissha fuq il-parti privata taghha u dan minn fuq il-hwejjeg. Tixhed li hi kienet tiddejjaq u tiddizgusta ruhha tant li kienet timbuttah filwaqt li missierha kien jidhak u jkompli b'dan l-atteggjament. Izzid tghid li dan kien isehh kuljum god-dar fil-kamra tas-sodda. Hi kienet tkun fuq zaqqha fuq is-sodda filwaqt li missierha kien jigi jhabbat il-parti privata tieghu mal-warrani taghha u dan meta huma kienu jkunu libsin il-hwejjeg. Tghid li meta kienu jsehhu dawn l-atti gieli kienet tkun prezenti ommha fil-kamra tal-kcina. Tixhed li l-bieb bejn il-kamra tal-kcina u tas-sodda normalment kien ikun maghluq. Tghid li dawn l-affarijiet kienu jigru wkoll meta kienu

jirrisjedu ghand iz-ziju taghha u cioè -Omissis- kif ukoll ferm qabel fis-sena 2017 meta kienu jirrisjedu ghand iz-ziju -Omissis.

Tkompli tixhed li darba meta kienu wahedhom l-akkuzat rikeb fuqha u nezzghalha l-qalziet. Izzid tghid li hi werzqet u mbuttatu. Tghid li ma kinitx twerzaq meta sehhew l-affarijiet l-ohra stante li ma kinitx taf x'ifissru dawn l-affarijiet. Tghid li z-zija -Omissis- kienet spjegatilha x'ifissru dawn l-affarijiet u fethitilha ghajnejha. Tghid li kienet wara din id-diskursata li ma kinitx thalli lil missierha jmissha iktar. Tixhed li episodju iehor sehh fil-kamra tal-banju meta missierha talabha ghal xugaman. Meta hi newlitlu x-xugaman l-akkuzat beda jmiss il-parti privata tieghu filwaqt li jidhak. Tixhed li kif qalilha biex tigi hi telqet ix-xugaman u harbet tigri.

Inkontroezami tghid li l-akkuzat saqsa lilha sabiex iggib xugaman u mhux lil ommha stante li ma kinitx hemm dak il-hin. Tghid li wara dan l-incident ma kienx hemm abbuzi sesswali izda kien hemm abbuzi fizici li jinvolvu s-swat. Tghid li meta kienet tkun fuq is-sodda wiccha 'l isfel hi kienet tkun qieghda tara t-television. Tikkonferma li missierha kien jirrabja maghha stante li kienet tkun qieghda tuza l-mobile taghha u kien sahansitra anke jipprova

johdilha l-istess mobile. Tghid li hi kienet tirrezisti milli taghtih il-mobile. Tghid li hi ma kinitx taghmel il-mobile taht zaqqha. Tixhed li l-akkuzat ipprova jbusha madwar sitt (6) darbiet. Tkompli tixhed li ma tafx jekk missierha jhobbhiex jew le. Tghid li l-episodji tal-bews kienu jsehhu waqt li ommha kienet tkun qieghda tahdem fil- -Omissis-. Tghid li ommha ma temminx dawn l-allegazzjonijiet li qieghda taghmel fil-konfront ta' missierha. Tixhed li hadd mhu qieghed igeghelha tghid dawn l-affarijiet. Tixhed li rigward it-tisjir stante li ommha ma kinitx issajjar, kienet tispicca ssajjar hi u gieli missierha.

Illi xehdet <u>**Dr Katya Vassallo**</u> li pprezentat traskrizzjoni tal-istqarrija tal-akkuzat immarkata bhala Dok. KV1.

Illi xehdet <u>**-Omissis-**</u> li tghid li s-sieheb taghha jigi z-ziju tal-vittma minuri. Tixhed li ghalhekk taf lill-akkuzat minkejja li kien imsiefer ghal dawn l-ahhar erbà (4) snin. Tghid li -Omissis- qaltilha dwar x'kien allegatament jaghmel missierha u dan fis-sena 2021. Tghid li l-parte civile qaltilha li missierha kien isawwatha diversi drabi kif ukoll kien joqghod imissha minn barra. Tippreciza li l-akkuzat kien joqghod ibus ghonq it-tifla, xufftejha, imissilha sidriha u gisimha kollu. Tixhed li hi ilha taf lil -Omissis- ghal dawn

l-ahhar erba' (4) snin. Tghid li hija tifla li tobdi hafna u li hija edukata hafna. Izzid tghid li t-tifla taqsam qalbha hafna maghha. Tixhed li bhala ezempju, l-akkuzat kien isawwat lit-tifla stante li kienet tkun qieghda tilghab fuq il-mobile. Tghid li apparti li l-vittma minuri kienet qaltilha b'dan kollu, tikkonferma li darba hi u tnaddaf il--Omissis- gewwa r--Omissis- tiftakarhom jiggieldu fuq il-mobile u meta t-tifla marret hdejha mill-kamra l-ohra setghet taraha tibki u kellha xufftejha bid-demm.

Tghid li l-ewwel darba li -Omissis- tkellmet fuq dan l-abbuz kienet marret ghandha u xtaqet tkellimha. Tghid li t-tifla qaltilha li missierha gieli sawwatha bi platt kif ukoll b'siggu. Izzid tghid li t-tifla kkonfermat maghha li missierha kien anke jmissha b'mod indicenti. Tghid li t-tifla qaltilha li missierha kien anke jbusha fuq ghonqha u fuq xufftejha. Tghid li fuq dawn l-affarijiet kienet digà esprimiet ruhha mat-tabib li kien ipoggi gewwa l-Health Centre tar--Omissis-. Tghid li sa fejn taf hi t-tabib kien jaf dwar is-swat. Tghid li t-tifla qaltilha li anke ommha -Omissis- kienet issawwatha izda qatt ma rat tali swat. Tixhed li hi qatt ma kellha xi tghid kontra -Omissis- u dejjem kienet tipprova tghinha mill-ahjar li setghet.

Illi xehdet **Lara Calleja** li tghid li tahdem gewwa c-Child Protection. Tixhed li -Omissis- hija minuri ta' sittax (16)-il sena u kien dahal rapport fejn gie allegat li omm u missier din it-tifla kienu jsawtuha. Tghid li bhala parti mill-procedura hi baghtet lill-omm u lit-tifla sabiex tkellimhom f'Novembru tas-sena 2021. Tixhed li l-vittma minuri kkonfermat l-abbuz fiziku kemm min-naha tal-akkuzat kif ukoll min-naha t'ommha. Tghid li meta waslet fl-ahhar tal-intervista t-tifla lissnet minn taht l-ilsien il-kliem "ghax messni". Tixhed li wara iktar investigazzjoni mat-tifla rrizultalha li missierha kien mess lit-tifla diversi drabi minn fuq il-hwejjeg fuq il-partijiet privati taghha. Tghid li t-tifla stqarret maghha li dan beda fis-sena 2017 u li dan l-agir baqa' ghaddej sas-sena 2020 u cioè sakemm l-akkuzat dahal il-habs.

Tkompli tixhed li kienet iddiskutiet il-kaz mas-superjuri taghha u ghalhekk sar rapport mal-Vice Squad u l-minuri u ommha gew mitkellma mill-Ispettur Borg. Izzid tghid li dak li rrappurtat it-tifla maghha gie rrappurtat anke mal-Ispettur Borg. Tikkonferma d-dokument a fol. 16 tal-atti processwali bhala dak li hi hejjiet tant li tikkonferma l-firma taghha a fol. 19 tal-atti processwali.

Illi xehed <u>PC 208 Brian Fenech</u> li jghid li fit-13 ta' Dicembru 2021 gie moghti struzzjonijiet mill-Ispettur Kylie Borg sabiex hu flimkien mas-Surgent Mario Farrugia jaccedu gewwa l-Facilità Korrettiva ta' Kordin sabiex jigi arrestat -Omissis-. Jixhed li hu u s-Surgent infurmaw lill-akkuzat bir-raguni tal-arrest tieghu u ghaddewlu l-mandat t'arrest. Jixhed li l-akkuzat gie moghti d-dritt li jitkellem m'avukat tal-ghazla tieghu u skortawh lejn il-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghal aktar stharrig mill-Ispettur.

Illi xehdet minn jeddha <u>**-Omissis-**</u> li tigi omm il-vittma l-minuri u l-mara tal-akkuzat. Tixhed li bhalissa bintha qieghda toqghod gewwa -Omissis- gewwa home stante li haduha tal-Appogg. Tghid li rigward l-allegati reati msemmijin fir-rapport hi qatt ma rat xejn. Tixhed li t-tifla dejjem kienet tkun maghha u qatt ma tkun wahedha. Izzid tghid li kien hemm gurnata fejn minn filghodu sa filghaxija dejjem kienet tkun fuq il-mobile. Tghid li t-tifla kienet sahansitra anke tara tifel li qieghed joqtol lilu nnifsu fil-kcina ta' huha. Tghid li hi ma taf xejn dwar dak li qieghda tallega t-tifla taghha fil-konfront tal-akkuzat. Tghid li hi ma kinitx thalli lit-tifla wahedha stante li huma kienu jghixu go -Omissis- allura ma kinitx tafdaha wahedha. Tghid li r-ragel kien ikun ix-xoghol waqt li kienu jkunu d-dar wahedhom. Izzid tghid li meta l-akkuzat kien jigi lura

mix-xoghol kien jinhasel, ibiddel, jiekol u jidhol jorqod. Izzid tghid li fil-fatt it-tifla kienet tkun maghha anke meta kienet tmur tixtri. Tghid li gieli kien imur jixtri r-ragel. Izzid tghid li meta kienet tkun qieghda ssajjar it-tifla kienet tkun gol-kamra tas-sodda tara t-television.

Tkompli tixhed li l-akkuzat kien jirrispetta u jhobb lil bintha. Izzid tghid li gieli l-vittma minuri kienet tmur ghand iz-zija -Omissis- jew iz-zija -Omissis- izda l-maggor parti tal-hin kienet tkun maghha. Tghid li s-sodda taghha u tar-ragel kienet biswit tat-tifla u meta xi hadd ikun irid jara t-television jarawh kollha f'daqqa. Tghid li meta kien jigi lura mix-xoghol ir-ragel fit-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar, kienu jidhlu mieghu gol-kamra tas-sodda waqt li kien jistrieh. Tghid li filwaqt li hu kien jorqod, it-tifla kienet tkun qieghda fuq il-mobile jew it-tablet. Tixhed li saret taf b'dawn l-allegazzjonijiet mit-tifla stess tlett (3) ijiem wara li semmitilha li kienet tara tifel fil-kamra tal-kcina taz-ziju. Tixhed li hi m'emmnithiex stante li taf x'tip ta' ragel hu missierha. Tghid li hi tissuspetta li xi hadd gieghel lit-tifla sabiex tallega dawn l-affarijiet. Tixhed li filwaqt li kienet tahdem gol--Omissis- bintha kienet tkun hdejha. Tghid li rigward dawn l-allegati reati hi ma

temminx lil bintha. Izzid tghid li bintha qatt ma tkellmet maghha fuq dawn l-affarijiet izda kienet tkellmet mal-mara ta' huha.

Tkompli tghid li hi tinkwieta fuq bintha stante li qieghda go home kif ukoll fuq ir-ragel stante li temmen li dawn l-allegazzjonijiet huma gideb. Tghid li l-akkuzat qatt m'ghamel xejn lit-tifla quddiemha u lanqas wara daharha. Izzid tghid ukoll li t-tifla llum il-gurnata thossha rrabjata stante li huha l-kbir certu -Omissis- ivvinta xi qlajja fuq l-akkuzat. Tghid li t-tifla qaltilha li missierha qatt ma wettaq l-allegati reati. Tghid li bintha dejjem imxiet sew maghha kif ukoll mal-akkuzat. Izzid tghid li missierha kien jirrabja mat-tifla fuq l-uzu tal-mobile u li din il-problema bdiet fis-sena 2017u cioè meta kellha hmistax (15)-il sena.

Inkontroezami tghid li hi qatt ma rat xejn relatat mal-allegazzjonijiet maghmulin kontra l-akkuzat. Tghid li qatt ma rat l-akkuzat isawwat lit-tifla. Tghid li mill-kcina hi setghet tara dak kollu li seta' gara fil-kamra tas-sodda. Tixhed li meta l-akkuzat kien ikollu bzonn xugaman kienet hi li tnewwel tali xugaman u mhux it-tifla. Tixhed li r-relazzjoni bejn l-akkuzat u t-tifla kienet tkun wahda tajba tant li t-tifla kienet thobbu. Tixhed li t-tifla qatt ma kienet tkun wahedha mal-akkuzat stante li kienet tkun hemm

hi wkoll. Tikkonferma li d-dehra ta' dan it-tifel fil-kcina giet qabel ma saru l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-akkuzat. Tikkonferma wkoll li t-tifla kienet tigref lilha nnifisha b'sikkina. Tghid li ma kinitx indunat bihom izda ndunat meta darba bintha kienet liebsa shorts u deher il-grif fuq saqajha. Tixhed li fuq il-grif hi kienet avvicinat lil tabib. Tikkonferma li l-grif beda wara li saru l-allegazzjonijiet tal-kaz odjern.

Illi xehed <u>**Dr Mark Spiteri**</u> li jghid li f'Lulju tas-sena 2021 kien jahdem gewwa l-Health Centre ta--Omissis-. Jghid li hu kien invista lil -Omissis- li originarjament kienet ghamlet ilment dwar ugigh fis-sider. Jghid li l-pazjenta xtaqet tkellmu minghajr il-prezenza tal-omm u fil-fatt kienet harget mill-kamra. Ikompli jghid li hu xtaq il-prezenza tas-superjur tieghu certu Dr Denise Gatt. Izid jghid li dak iz-zmien -Omissis- kienet tifla ta' hmistax (15)-il sena li stqarret mieghu li kienet sfat vittma t'abbuz fiziku minn missierha mill-età tenera ta' seba' (7) snin. Jixhed li -Omissis- stqarret mieghu li missierha kien isawwatha bid-daqqiet ta' ponn, b'rasu inkella bi hgiega. Stqarret mieghu li kien anke jsawwatha b'tagen. Ikompli jixhed li l-pazjenta stqarret ukoll li missierha kien anke juza cintorin. Jghid li omm -Omissis- kienet

tabbuza biha wkoll b'dana li tigbdilha xagharha u thabbtilha rasha mal-hajt.

Ikompli jghid li skopra li missier il-vittma kien juza d-drogi izda ma jafx liema tipi ta' drogi. Jghid li fil-fatt -Omissis- gieli kienet tarah ipejjep u jehodhom fil-vina. Kompliet tistqarr mieghu li ommha kienet taf b'dan kollu u li dak iz-zmien missierha kien jinsab gewwa l-habs stante li nstab hati fuq serq. Jghid li dak iz-zmien il-vittma minuri kienet bezghana li missierha kien ser jerga' johrog mill-habs filwaqt li stqarret mieghu li kellha hsibijiet li twegga' lilha nnifisha u fil-fatt hekk ghamlet. Jixhed li fuq dan il-punt seta' jara grif fuq idejha l-leminija kif ukoll ix-xellugija. Stqarret mieghu li normalment kienet taqta' jdejha bi hgiega jew inkella b'sikkina. Jghid ukoll li l-vittma qaltlu li ommha ma kinitx taf b'dan kollu. Izid jghid li hu baghat referral lill-Appogg u tkellem ma' haddiema socjali bl-isem ta' Erika Mangion. Jghid li fl-ahhar tal-appuntament hu ta parir lill-vittma minuri sabiex taccedi gewwa Health Centre jew Ghassa tal-Pulizija jekk jerga' jkun hemm abbuz fiziku.

Inkontroezami jghid li evidenza fuq it-tifla rigward daqqiet bil-ponn, bil-hgieg jew b'cintorin ma sabx stante li ma ezaminahiex

ghal griehi ta' dik in-natura. Jghid li hu ma wettaqx ezami ta' gisimha izda hu ha l-istorja taghha.

Illi xehdet <u>**Dr Tracy Vidal**</u> li tghid li fis-sena 2021 kienet stazzjonata gewwa l-Mosta Health Centre. Tghid li hi invistat lil -Omissis- fl-ghoxrin (20) ta' Novembru stante li l-istess -Omissis- sahqet li kellha ugigh ta' ras. Tghid li skopriet li l-vittma minuri kellha grif fuq il-polzijiet taghha u setghet tara li dan kien rizultat ta' self-harm minkejja li l-omm tal-istess -Omissis- rat li ma kienx ta' nkwiet. Tghid li ppruvat tistaqsi lit-tifla dwar dan izda minhabba li kien hemm l-omm fil-kamra hi ma qalet xejn. Izzid tghid li meta eventwalment harget ommha mill-kamra, it-tifla fethet qalbha u stqarret maghha li hi kienet ilha ma tmur skola u ghalhekk il-grif fuq idejha ma kienx kawza ta' bullying. Tkompli tixhed li t-tifla stqarret li kienet tigref lilha nnifisha sabiex tnehhi l-anzjetà u l-istress u dan ghaliex kienet qieghda tinkwieta li missierha kien ser jerga' johrog mill-habs. Kompliet tistqarr maghha li missierha kien jabbuzaha b'mod fiziku kif ukoll sesswali u dan minn mindu kellha seba' (7) snin. Tixhed li l-vittma stqarret li missierha kien imissha u qatt ma ppenetraha. Tghid li -Omissis- qaltlilha hi thossha l-iktar sigura ghand iz-ziju.

Tkompli tixhed li kien ghalhekk li cemplet lill-psychiatric care u infurmawha biex tibghat it-tifla ghandhom halli ssir assessment qabel ma jigu involuti l-Pulizija. Tippreciza li l-grif kienu jibdew mill-polz sal minkeb. Tghid li minn dakinhar hi qatt ma regghet rat lil -Omissis-. Tghid li t-tifla spjegatilha li missierha kien imissha fil-parti privata taghha. Tixhed ukoll li t-tifla dehret li kienet imdejqa tant li s-sezzjoni tal-psikjatrija bdewlha l-kura fuq depression.

Inkontroezami tghid li t-tabib li nvistaha fuq depression kienet certa Dr Fabrizia Cassar. Tikkonferma li l-grif li kellha -Omissis- kienu kemm godda kif ukoll antiki.

Illi xehed <u>Dr Nigel Camilleri</u> li jghid li huwa psikjatra tat-tfal u li kien ra lil -Omissis- darba meta giet gewwa c-Children Young People Services (CYPS). Jghid li t-tifla kienet giet referuta b'mod urgenti mill-Emergenza u li wara li hu nvistaha u rreferiha ghand il-Haddiema Socjali tal-istess agenzija u cioè lil Natasha Grixti u l-Psikologa Alison Zammit Said. Jghid li dan sehh fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru 2021. Jixhed li l-vittma minuri giet riferuta minhabba low mood u suicide ideas. Jghid li meta kellimha -Omissis- stqarret li filwaqt li m'ghandhiex hbieb l-iskola hi kienet

qieghda tinkwieta l-iktar fuq il-fatt li daqt kien ser johrog missierha mill-habs. Jghid li hi stqarret mieghu li kien hemm sitwazzjoni ta' abbuz kemm fiziku kif ukoll sesswali min-naha tal-missier. Jghid li kien dak il-hin li involva lill-haddiema socjali kif ukoll lic-Child Protection. Jixhed li meta kellem lill-omm hi ddefendiet lill-missier bil-qawwa kollha tant li kienet agitata hafna.

Illi xehed PS 31 Mario Farrugia li jghid li fit-tlettax (13) ta' Dicembru 2021 fit-tmienja ta' filghodu gie arrestat l-akkuzat - Omissis- minn gewwa l-Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi, Kordin. Jghid li dan sehh wara li nhareg mandat t'arrest mill-Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras. Jghid li r-raguni tal-arrest tieghu kien abbuz sesswali fuq minuri. Izid jghid li hu flimkien ma' PC 208 marru gewwa l-Agenzija Servizzi Korrettivi kienu taw lill-akkuzat il-mandat t'arrest kif ukoll ittra bid-drittijiet tieghu. Jghid li stante li l-akkuzat ma jafx jikteb u jaqra bil-Malti kien ser jigi pprovdut b'interpretu gewwa d-Depot. Jghid li l-akkuzat kien qieghed jifhem dak kollu li kien qieghed jintqal. Jixhed li gewwa d-Depot l-akkuzat ikkonsulta lill-avukat tieghu Dr Jason Grima u eventwalment ittiehdet l-istqarrija mill-Ispettur Kylie Borg. Jghid li matul din l-istqarrija kien hemm prezenti Nazmi Huoto bhala interpretu ghall-

akkuzat. Jghid li l-akkuzat cahad l-allegazzjonijiet kollha li gew allegati fil-konfront tieghu.

Illi xehdet <u>Dr Fabrizia Cassar</u> li tghid li hija tabiba u studenta tal-Psikjatra. Tghid li hi nvistat lil -Omissis- gewwa l-Emergenza fl-ghoxrin (20) ta' Novembru 2021. Tghid li dakinhar kienet Psychiatric Trainee tal-ghassa u giet mghajta biex tinvista lill-vittma minuri stante li kienet qieghda twegga' lilha nnifisha. Tghid li t-tifla kienet gewwa l-Health Centre tal-Mosta quddiem Dr Tracy Vidal meta tkellmet rigward allegat abbuz sesswali u fiziku. Tghid li hi tkellmet mal-vittma minuri u skopriet li hi kienet ghexet il--Omissis- mal-genituri taghha sal-età ta' tnax (12)-il sena mentri bejn it-tnax (12) u sittax (16)-il sena ghexet gewwa -Omissis-. Tghid li -Omissis- spjegat li hi kienet twegga' lilha nnifisha sabiex thossha ahjar u tnehhi l-frustrazzjoni minn fuq mohhha. Tghid li l-vittma minuri stqarret maghha li, li kieku mhux ghaz-zija taghha -Omissis- kienet ser tuza sikkina biex tigref lilha nnifisha. Tixhed li l-vittma minuri ma kinitx tuza sustanzi lleciti u lanqas alkohol. Izzid tghid li l-vittma minuri stqarret maghha li bejn l-età ta' tnax (12) u hmistax (15)-il sena hi giet abbuzata fizikament u sesswalment minn missierha. Tghid li missier -Omissis- kien il-habs fuq pussess ta' droga. Il-minuri spjegatilha li l-abbuz kien

isehh stante li missierha kien imiss il-parti privata taghha kif ukoll tieghu. Izzid tghid li -Omissis- kkonfermat li l-missier qatt ma ppenetraha. Tghid ukoll li omm il-vittma tahdem bhala -Omissis- u kienet abbuziva lejn -Omissis- b'mod verbali.

Tkompli tixhed li hi kellmet anke lill-omm il-vittma minuri u li l-istess omm kienet sorpriza bl-ahbar li t-tifla xtaqet tnehhi hajjitha. Hi accettat li t-tifla titqieghed taht kura psikjatrika. Tghid li l-vittma minuri kienet kuntenta b'dan il-pjan. Omm il-minuri stqarret li gewwa l--Omissis- t-tifla rat xeni ta' gwerer izda cahdet li kienet taf bl-allegat abbuz sesswali. Tghid li l-impressjoni taghha kienet li -Omissis- kienet qieghda tbati minn sintomi ta' dipressjoni u tracci ta' instabbilità emozzjonali fil-personalità u dan jista' jkun li kien relatat ma' trawma. Tghid li hi ddiskutiet il-pjan taghha mal-Konsulent Psikjatra Dr Maria Axiaq li qablet li l-vittma minuri tigi rilaxxata mill-Isptar Mater Dei u tibda l-follow up mic-Centru tac-Child Protection Services tal-Appogg u mill-Crisis Intervention Home Treatment Team fid-Dipartiment tal-Psikjatrija. Tixhed ukoll li tatha medicina sabiex tghinha fl-ansjetà taghha.

Inkontroezami tghid li wara dakinhar hi ma regghetx iltaqghet mal-vittma minuri u hi ma jkollhiex access ghal kura taghha. Tghid li follow up ikun hemm da parti tal-psikjatra assenjat mal-vittma minuri. Tghid li f'dan is-sens ma tafx jekk sarx follow up.

Illi xehed l-imputat minn jeddu **<u>-Omissis-</u>** li jigi missier il-vittma minuri u jghid li c-certifikat tat-twelid ta' -Omissis- jindika li ghandha "misssier mhux maghruf". Jghid li sas-sena 2007 kienu jghixu gewwa l-fond -Omissis- u dan man-nanna materna. Jixhed li fis-sena 2011 hu u martu kienu ghamlu zmien jghixu gewwa l--Omissis-. Jixhed li hu gie lura -Omissis- fis-sena 2017 flimkien ma' martu u bintu. Izid jghid li huma marru joqghodu ghand hu l-mara u cioè -Omissis-. Il-post fejn kienu jirrisjedu kellu zewgt (2) ikmamar u kamra minnhom kienet tintuza minnhom kollha. Din kienet il-kamra tas-sodda. Ikompli jghid li dak iz-zmien hu kien jahdem bhala bennej. Normalment fis-sebgha ta' filghodu jkun beda jahdem u jispicca ghat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar. Jixhed li tali fond kien jinsab gewwa -Omissis-. Jghid li dan il-post kienu juzawh flimkien ma' -Omissis-, martu kif ukoll iz-zewgt (2) itfal taghhom. B'hekk kienu jqassmu l-ispejjez u x-xoghol bejniethom.

Ikompli jixhed li l-vittma minuri kienet tattendi skola privata. Jghid li hu kien iwassal lit-tifla filghodu u kienet tibqa' hemmhekk anke sa wara l-hamsa stante li kien ikollha l-privat l-iskola stess. Jippreciza li -Omissis- huwa hu martu. Jixhed li fis-sena 2017 damu tliet (3) xhur jghixu ma' -Omissis-. Jghid li wara marru joqghodu ghand certu -Omissis- u -Omissis- gewwa l--Omissis. Jixhed li dan il-post kien jikkonsisti f'kamra wahda gewwa fond fejn l-istess -Omissis- tahdem fis-sular ta' fuq. Jixhed li xogholha kienet li tilqa' lit-turisti fis-sular ta' fuq. Izid jghid li huma ma baqghux jghixu ma' -Omissis- stante li ma setghux jghixu flimkien. Jixhed li rigward il-pjanta a fol. 43 tal-atti processwali hu ma jaqbilx mad-deskrizzjoni taghha. Jghid li martu kienet tghin lil -Omissis- meta hu kien imur ix-xoghol. Meta ma tkunx qieghda tahdem ma' -Omissis- martu kienet tkun id-dar. Jixhed li stante li bidlu r-residenza t-tifla kellha tmur skola gewwa -Omissis- bl-isem ta' -Omissis-. Jghid li ghalhekk bintu kienet tibda skola fit-tmienja u tkun lura d-dar ghas-saghtejn ta' wara nofsinhar. Jghid li dak il-hin ikun qieghed ix-xoghol. Izid jghid li meta kien jasal id-dar kienu jkunu l-erbgha ta' wara nofsinhar. Jidhol jinhasel, jiehu t-te u mbaghad jidhol jorqod fil-kamra tas-sodda.

Ikompli jixhed li wara li jkun raqad iqum u jipprova jghin fil-facendi tad-dar bhal perezempju jintbaghat jixtri l-ikel jew inkella jsajjar l-ikel ta' billejl hu. Jixhed li matul dan kollu bintu tkun qieghda tuza l-mobile. Jghid li fil-bidu bintu kellha mobile taghha izda dan intilef u ghalhekk spiccat tuza ta' ommha tant li kienet anke taqta' t-telefonati sabiex tkompli tuzah. Jixhed li mhuwiex minnu li kien joqghod ibus lill-vittma minuri b'mod indicenti. Jixhed li l-iktar l-iktar kien ibusha fuq haddejha stante li hija tradizzjoni -Omissis- biex titlob il-mahfra u anke sabiex jigi ccelebrat l--Omissis-. Jixhed li mhuwiex minnu lanqas li kien jintefa' fuq bintu u jqieghed il-parti privata tieghu fuq il-warrani taghha. Jixhed li kieku sehh dan, martu kienet twaqqfu stante li r-residenza kienet zghira hafna. Ikompli jixhed li ma kienx ikun hemm mument li kien ikun wahdu mal-vittma minuri. Izid jghid li rigward l-allegazzjoni li kien mess il-parti privata tieghu wara li talab xugaman minghand il-vittma minuri dan mhux minnu. Jixhed li se mai kien jitlob xugaman minghand l-omm.

Izid jghid li hu qatt ma sawwat lil bintu. Jixhed li missieru kien isawtu izda tghallem minn din il-haga li tali atteggjament mhuwiex accettabbli. Jixhed li hu ma kienx jigi d-dar b'mod irrabjat. Izid jghid li meta kien jitlob ghall-flus dan kien sabiex imur jixtri l-

medicini jew is-sigaretti u dejjem kien jaghmel dan bil-kelma t-tajba. Jixhed li wara xi zmien regghu ccaqalqu go fond iehor go din il--Omissis- li huwa l-post fejn it-tifla spjegat li sehhew l-allegati reati. Jixhed li ghal daz-zmien kollu huma kienu jhallsu kirja. Jghid li f'dan il-post il-gdid kienu damu sentejn jghixu fih meta fis-sena 2019 kellu jidhol il-habs. Izid jghid li martu qaltlu li ricentement kienet qieghda tircievi ritratti sesswali tat-tifla taghhom minn certu nies gewwa l--Omissis-. Jixhed li hu heggeg lil martu tirrapporta dan kollu. Izid jghid li gie infurmat minn martu li l-vittma minuri kienet qieghda f'relazzjoni ma' wiehed barrani.

Inkontroezami jixhed li martu kienet taf li kellu problema tad-drogi. Jixhed li wara x-xoghol kien jieqaf gewwa d-Detox sabiex jiehu l-medicina sabiex jikkombatti l-vizzju tad-drogi. Jghid li mhux dejjem kien johrog mid-dar wara x-xoghol. Jghid li biex jinqeda sabiex jixtri s-sigaretti kien imur mir--Omissis- sal--Omissis-. Jikkonferma li meta kien jidhol jorqod wara x-xoghol kien ikun hemm it-tifla fl-istess kamra tas-sodda wkoll. Izid jghid li l-vittma minuri jew kienet tkun qieghda tuza l-Internet fuq il-mobile u kienet tkun jew fuq is-sodda taghha nkella bilqieghda fuq is-sodda tieghu.

Illi regghet xehdet **-Omissis-** inkontroezami li tghid li minn dakinhar li xehdet il-vittma minuri infurmatha li trid tizzewweg lil certu -Omissis- li jigi mis--Omissis-. Tghid li hi qalet lit-tifla li ghadha zghira sabiex tidhol ghaz-zwieg. Tixhed li t-tifla wegbitha lura li jekk ma thallihiex tiehu dan il-pass allura kienet ser izzomm lill-akkuzat gewwa l-habs. Tghid li bintha qaltilha li kienet tqila izda ma kienx minnu. Tixhed ukoll li dan -Omissis- kien jghidilha li jekk thallihom jizzewgu allura kien ser jiehu lil bintha lejn l-Italja. Izzid tghid li bintha sahansitra anke marret il--Omissis- sabiex tinfurmahom li l-akkuzat kien accetta sabiex tizzewweg izda dan mhux minnu. Tixhed li hi rat ritratti fuq il-mobile fejn tidher bintha titbewwes ma' din il-persuna. Izzid tghid li hi ma tafx minn fejn ivvintat dawn l-allegazzjonijiet fuq l-akkuzat.

Tkompli tixhed li rigward il-kamra tal-banju, hi kienet izzomm qoffa tal-qasab bix-xugamani u ghalhekk dan kien ikun dejjem fil-kamra tal-banju. Izzid tghid li apparti li l-vittma minuri kienet tghidilha li qieghda tara tifel kienet anke qieghda tara mara gol-hanut fejn tahdem. Tghid li bintha qieghda tghix ghand is--Omissis- gewwa tas--Omissis- stante li l-haddiema socjali, certu Lara, haditilha t-tifla sabiex tghix go din il-home. Tghid li dan l-ahhar saret tigdeb hafna specjalment rigward din il-kwistjoni li trid

tizzewweg. Tkompli tghid li però t-tifla ma kinitx tigdeb qabel ma saru l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-akkuzat. Tghid li hi dejjem kienet tkun maghha.

Illi xehdet **Stephania Calafato Testa** li pprezenta digriet datat sbatax (17) ta' Jannar 2023 moghti mill-Magistrat Dr Nadine Lia fl-atti tal-kawza Pulizija vs -Omissis- u dan ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

**IKKUNSIDRAT**

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhal dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

> *"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla) (Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak*

*li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li ma hemmx provi tangibbli u konkreti li l-imputat odjern jista' jigi misjub hati bir-reati

addebitati lilu u dan ghaliex jirrizulta li jezistu diversi inkonsistenzi u nuqqasijiet fil-provi li ngabru mill-Prosekuzzjoni u dan kif ser jigi spjegat f'din is-sentenza.

Illi ghalhekk din il-Qorti ser ikollha 'l quddiem f'din is-sentenza tezamina xi provi cirkostanzjali ngabu tul dawn il-proceduri sabiex tara jekk il-Prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha. Illi dwar dan il-punt, il-Qrati nostrani huma cari fuq dan is-suggett.

Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

> *"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda*

*anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Di piu' mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet <u>**Pulizija vs Cyrus Engerer**</u> (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk il-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun.*

*Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

__IKKUNSIDRAT__

Illi jinghad li dan il-kaz jistrieh kompletament fuq il-kredibilità tal-minuri -Omissis- kif ikkorroborata mal-provi l-ohra mressqa mill-Prosekuzzjoni. Zewg affarijiet li din il-Qorti tikkonsidra meta tkun qed tanalizza tali xhieda ta' minuri huma dawk tal-idonejità taghha bhala xhud u l-veracità tat-testimonjanza taghha.

Illi fl-ewwel lok a rigward l-idonejità tal-minuri bhala xhud, tezisti gurisprudenza varja dwar dan il-kuncett. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuzeppi Bonnici** datata 28 ta' Marzu 1949, gie stipulat hekk -

*"Skond il-Ligi Maltija (art. 626 Kap. 12 [illum art. 630 Kap. 9]), hadd ma jista' jigi eskluz milli jaghti x-xhieda tieghu minhabba li ma jkollux xi età partikulari. Izda, tkompli*

*tghid il-Ligi ta' Malta, hemm bzonn li l-Qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, ghalkemm mhux ta' l- età, jaf illi hija haga hazina li wiehed jixhed il-falz. Minbarra dan, hu wkoll ligi (art. 625 [illum 629] illi meta l-Qorti, minhabba l-età tax-xhud, ikollha dubju jekk hu jifhemx l- importanza tal-gurament, anki wara t-tifsir tal-Qorti, u jkun jidhrilha mehtieg illi x-xhud, qabel ma jixhed, ghandu jigi nfurmat ahjar dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza, hija tista', jekk fil-fehma taghha x-xhieda ta' dak ix-xhud hija rilevanti, thalli l-kawza ghal gurnata ohra;"*

Illi, ukoll il-kwistjoni tal-età tax-xhud, fuq l-iskorta tat-test tal-ligi u l-gurisprudenza varja, giet indirizzata minn Sir Anthony Mamo fin-*"**Notes on Criminal Procedure**"* b'dan il-mod:

*"The essential condition [dwar il-kompetenza tax-xhud] is that the person shall be of sound mind at the time of being tendered as a witness. If this condition is satisfied, the want of any particular age is not a reason for excluding competence, it being sufficient that the court be satisfied that the witness, though of young age, understands that it is wrong to give false testimony .... **Competency thus***

***depends not on the precise age but upon the actual intelligence of the witness****.*

*Our law still makes it essential, however, to the competency of every witness that he should know and accept the obligation of an oath and that he shall in fact be sworn. The principle upon which our law still proceeds is that 'it places no reliance on testimony not given on oath. Consequently no person whatever his age can give testimony upon any trial, civil or criminal, until he has, in the form prescribed by law, given an outward pledge that he considers himself responsible for the truth of what he is about to narrate, and renders himself liable to the temporal penalties of perjury in the event of his wilfully and corruptly giving false evidence' ....*

*If on account of his age or for other reasons it appears doubtful whether a person tendered as a witness understands the obligation of the oath, the court explains this to the witness; and if, notwithstanding such explanation the court shall deem it necessary that the witness, before giving evidence, be further instructed as to*

*the consequence of the false testimony, the court may, if it considers the evidence of such witness to be important for the ends of justice, adjourn the trial to another day and, should the case be before the criminal court, discharge the jury.*

***If the court is not satisfied that the proposed witness can understand the obligation of the oath (nor that he can be instructed as aforesaid) the court is bound to reject that witness as incompetent***[1]*. It cannot hear him without oath (...)"*

Illi rigward il-veracità tax-xhieda tal-minuri ghandu jinghad mill-bidu, li fix-xhieda taghha, l-istess minuri kienet inkonsistenti u dan kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem.

Illi l-vittma minuri xehdet fid-dettall dwar l-allegati incidenti fis-seduta datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru 2021. Spjegat ferm bic-car li f'kull incident l-akkuzat kien jaghtiha fastidju b'dana li kien jisforza ruhu fuqha b'bews u tbaghbis. Il-Qorti izda tinnota li l-istess vittma kienet pjuttost evaziva meta giet

[1] Emfazi tal-Qorti

rinfaccjata b'domandi rigwardanti l-uzu tal-mobile matul il-gurnata.

Illi hareg bic-car kemm mix-xhieda tal-akkuzat kif ukoll mix-xhieda ta' -Omissis- li t-tifla kellha problema bl-uzu tal-mobile. Referenza qieghda ssir ghax-xhieda tal-istess -Omissis- fejn tghid hekk:

*"Qorti: Mela missierek kien jigi jirrabja mieghek ghax kont tkun dejjem fuq l-iPad jew il-mobile?*

*Xhud: Ija.*

*Qorti: Iva.*

*Difiza: U naqblu illi kien jipprova jiehodula l-mobile?*

*Qorti: Kien jipprova jiehodulek l-mobile?*

*Xhud: Iva."*

Illi di più -Omissis- stess tghid hekk fix-xhieda taghha:

*"Xhud: Dejjem god-dar imma ma kienetx tkun wehidha t-tifla. Darba kienet qieghda mat-tieqa t-tifla, minn filghodu sa filghaxija bil-mobile.*

...

*Xhud:* *U jiena t-tifla kont ninkwieta fuqha. Minn filghodu sa filghaxija bil-mobile u tibqali sal-ghada filghodu bil-mobile.*

...

*Xhud:* *Gol-kcina. Bil-mobile imma minn filghodu bil-mobile. Fhimtni? U kont nghidilha nehhih minn hemm dak il-mobile, kont niehodula u terga tmur iggibu t-tablet l-iehor u toqghod mat-tablet."*

Illi l-Qorti ghalhekk tqis li huwa iktar kredibbli li l-vittma minuri kienet tigi ddixxiplinata rigward l-uzu tal-mobile u bhala att ta' ritaljazzjoni kabbret l-affari sabiex tohloq inkonvenjent ghall-akkuzat. Kien ferm facli ghall-istess vittma minuri sabiex tohloq storja konvincenti fuq missierha stante l-fatt li kien qieghed maqful il-habs dan minhabba li ghandu storja kkulurita. Biss però harsa lejn il-fedina penali tindika li l-akkuzat qatt ma nstab hati fuq reati simili ta' dawk odjerni. Hawnhekk iqum iktar u iktar id-dubju jekk verament l-akkuzat kienx kapaci jasal li jikkommetti l-allegati reati.

Illi dubju iehor li tqajjem matul dawn il-proceduri huwa l-fatt li l-post fejn sehhew l-allegati reati kien tali li kien ikun impossibbli sabiex l-imputat jezegwixxi l-atti tieghu minghajr ma hadd jarah. Il-Qorti sejra tuza l-pjanta provduta mill-Ispettur Kylie Borg immarkata bhala Dok. KB1 bhala punt ta' referenza kif ukoll ix-xhieda moghtija mill-istess vittma minuri. Ghandu jinghad li din id-dar kull ma fiha zewgt ikmamar u cioè kamra tas-sodda kif ukoll kamra tal-kcina. Iregi allura li kien kwazi impossibbli sabiex l-imputat iwettaq dak li kellu jwettaq minghajr hadd ma jarah.

Illi tigi nnutata x-xhieda moghtija minn -Omissis- li tghid li hi dejjem kienet tkun mal-akkuzat meta jigi lura mix-xoghol.

Illi l-istess xhud -Omissis- kienet tixhed ukoll li waqt li l-akkuzat kien ikun f'din il-kamra mal-parte civile, hija setghet tarahom mill-bieb li jissepara l-kamra tas-sodda minn mal-kcina. Jinghad ukoll li l-kamra tas-sodda kienet isservi bhala l-kamra tas-salott stante li kien hemm television.

Illi jinghad ukoll li l-Qorti tinnota xi haga li dejjem kienet kostanti mix-xhieda li taw diversi professjonisti kif ukoll il-vittma minuri stess. Kull darba li t-tifla kienet tigi mistoqsija dwar il-grif ir-

risposta taghha kienet dejjem tkun li kienet fi stat ta' ansjetà u biza' stante li daqt kien ser jirritorna lura l-akkuzat mill-habs. Ghalhekk il-Qorti tqis li l-allegazzjonijiet maghmula mill-parte civile setghu kienu frott ta' biza' li hakmet lill-istess vittma minuri u hadet riskju kkalkulat biex izzomm lill-missierha 'l boghod minnha.

## IKKUNSIDRAT

Illi oramaj huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghal-liberatorja tal-imputat ghaliex il-Qorti hija obbligata li tevalwa l-provi fl-assjem taghhom u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min tista' temmen u f'xiex u dan *multo magis* f'dawn it-tip ta' kawzi meta jkollok verzjoni ta' minorenni versu verzjoni ta' persuni ohra.

Illi huwa principju bazilari wkoll li r-reati li bihom l-imputat gie mixli jridu jigu ppruvati mill-Prosekuzzjoni 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan ifisser li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju.

Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li din il-Qorti trid tasal ghalih hu, li wara li tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi kollha inkluz dawk xjentifici u medici, tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. F'dawn il-kuntesti l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning**:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis** deciza mill-Qorti Kriminali fil-11 ta' Jannar 2019 inghad:

*"Illi huwa minnu illi dawn il-kazijiet ta' reati kontra l-persuna fosthom stupru, u korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz u cioe' il-verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata. Wiehed jghid iswed u l-iehor jghid abjad biex b'hekk ghandhom rwol rizoluttiv, il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibilita` u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha.*

*Illi inoltre biex tezamina l-kredibilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji ipprezentati quddiemha mhux biss mix-xhieda tal-atturi ewlenin involuti f'din il-vicenda sfortunata, izda ukoll tax-xhieda l-ohra li iddeponew u xhieda ohra li taw il-kontribuzzjoni taghhom professjonali ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza, ezercizzju li din il-Qorti trid taghmel b'mod konciz u dettaljat."*

Illi fuq dan is-suggett u ghall-kompletezza, qed issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**[2] fejn gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda*

[2] QA Kriminali – deciza fid-19 ta' Mejju 1997

*differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja."*

Ukoll fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorne**[3], il-Qorti qalet:

*"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"*

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace**[4] inghad is-segwenti:

*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi*

[3] QA Kriminali – deciza 9 ta' Lulju 2003
[4] QA Kriminali deciza fil-31 ta' Ottubru 2013

*xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija millArtikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi l-Qorti rat ukoll dak li jipprovdi Artikolu 637 dwar kif ghandha tanalizza kredibbiltà ta' xhud b'dan illi, *"id-decisjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal- kaz."*

<u>**IKKUNSIDRAT**</u>

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll li gieghel lill-vittma minuri sabiex tibza' ghal hajjitha u dan skont l-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tinsab ferm perplessa kif l-agenziji tal-

harsien tat-tfal, ghalkemm kienu involuti f'dan il-kaz a tempo vergine, ma offriet ebda stampa fuq id-dinamika ta' din il-familja. Zgur li xhieda ta' dawn l-agenziji kienu joffru stampa carissma tad-dinamika ta' din il-familja.

Illi di più ghandu jinghad li gie allegat mill-vittma minuri diversi drabi li missierha kien isawwatha b'daqqiet ta' ponn kif ukoll b'diversi oggetti fosthom siggu, hgiega, lasti ta' xkupi eccetra. Il-Qorti ma tistax tifhem kif il-prosekuzzjoni ma wettqet ebda spezzjoni fuq il-fond fejn sehhew dawn l-allegati reati biex jikkostataw ahjar il-fatti hekk kif spjegati mill-vittma. Referenza qieghda ssir ghax-xhieda moghtija inkontroezami tal-Ispettur Kylie Borg:

*"Difiza: Hekk hu. Inti mort fuq il-post?*

*Xhud: Le."*

Illi li kieku l-prosekuzzjoni wettqet spezzjoni gor-residenza tal-akkuzat, setghet potenzjalment tigbor l-oggetti li allegatament uza l-akkuzat fuq il-vittma minuri u anke tara b'ghajnejha l-kobor

ta' dan il-fond, izda dan ma sehhx. Qed jinghad dan stante li l-prosekuzzjoni kellhom mandat t'arrest u ta' tfittxija fil-konfront tal-akkuzat u dan skont id-dokument esebit a fol. 12 tal-atti processwali. Bl-ammissjoni tal-Ispettur Kylie Borg fix-xhieda taghha l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni naqset bil-kbir meta ntqal hekk:

*"Difiza:* *Ghax inti ghidtilna hareg mandat ta' tfittxija, gifieri t-tfittxija fejn saret?*

*Xhud:* *Ma saritx tfittxija filfatt.*

*Difiza:* *All right. Gifieri fhimtek hazin li ghamiltu tfittxija.*

*Xhud:* *Ha nispjegalek. Il-mandat tlabtu ghal arrest u tfittxija pero ` jiena uzajt biss l-arrest."*

Illi fl-istess hin il-Qorti tifhem li kien lahaq ghadda z-zmien minn mindu sehhew l-allegati reati. Izda xorta wahda l-Qorti temmen li jekk kien hemm cans, zghir kemm kien zghir, li jinstab xi haga sabiex issahhah il-kaz tal-prosekuzzjoni, allura messha saret tfittxija fir-residenza.

Illi ghalhekk tenut kont tan-nuqqas ta' provi l-Qorti sejra tillibera lill-imputat mill-akkuzi kif dedotti kontrih.

<u>**Decide**</u>

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **-Omissis-** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minn kull htija u piena stante li ma gewx ippruvati oltre d-dubju dettat mil-ligi.

---------------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**